MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 608/2006

**Waldorf Auto Services Co. Ltd (C 4743)**

**vs**

**Attard & Co Ltd (C 10131)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Lulju, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` disa` mija, wiehed u ghoxrin lira, erbgha u sebghin centezmu (Lm 921.74), rapprezentanti kwantu ghal Lm 804.38 bhala valur ta` hsarat fil-vettura tal-marka FIAT BRAVA, numru ta` registrazzjoni DBH 239, proprjeta` tas-socjeta` attrici mikrija lis-socjeta` konvenuta u kwantu ghal Lm 117.36,

bhala bilanc minn somma akbar ta` kera dovuta mill-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-26 ta` Mejju, 2006 u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 4 ta` Awissu, 2006, fejn ikkontestaw it-talba attrici peress illi (1) nuqqas ta` relazzjoni guridika (2) ma kkawzat ebda hsarat fil-vettura lilha mikrija kif jirrizulta minn Dok. A u cioe` dana fis-sens illi l-vettura kienet qed tigi ritornata lura f'kundizzjoni tajba “save wear and tear”, ai termini ta` klawsola numru 2 ta` l-iskrittura ta` kera (3) li l-ammont pretiz kien ezagerat (4) li l-ammont relattiv ghal hlas ta` kera kien qed jigi ammess u li sejjer jithallas.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi tul il-kors ta` dan il-process irrizulta li d-divergenza bejn il-partijiet kienet qed tigi limitata biss fuq in-natura tal-hsarat kawzati fil-vettura cioe` jekk kienux b'rizultat ta` zmien jew b'xi negligenza u l-valur ta` l-istess. Dan qed jinghad peress li s-socjeta` attrici kienet ipprezentat nota fil-21 ta` Novembru, 2006 fejn irriduciet l-ammont tat-talba taghha bis-somma ta` Lm 117.36, cioe` l-ammont originarjament pretiz ghal hlas tal-kera. Inoltre**,** l-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta ddikjarat fl-ahhar seduta meta kienet qed taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha illi ma kinietx qieghdha tinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni cioe` dik konnessa ma` r-relazzjoni guridika o meno tal-partijiet.

Antoinette Galea, li xehdet f'isem is-socjeta` attrici qalet li l-vettura in kwistjoni kienet inghatat gdida lis-socjeta` konvenuta u li din ta` l-ahhar kellha l-obbligu li tirritornha lura fl-istess stat u kundizzjoni “save wear and tear”. Sa hawn il-kontendenti qed jaqblu.

Illi meta skada l-kuntratt u l-vettura giet ritornata, din giet spezzjonata minn certu Stanislaw Galea, mpjegat tas-socjeta` attrici li elenka numru ta` hsarat kif indika fuq Dok. AG 3. Din il-lista saret fil-prezenza tax-xufier mibghut mis-socjeta` konvenuta. Kienu nhargu zewg stimi fuq il-hsarat minn Emanuel Arpa, kif indikati lilu minn Sunny Galea, t-tnejn impjegati tas-socjeta` attrici pero` s-socjeta` konvenuta baqghet la sewwiet l-istess ghand garage ta` l-ghazla taghha u anqas halset ghalihom. Sunny Galea jikkonferma li dwar il-hsarat kostatati minnu dawn kienu gia` gew irrimarkati lis-sewwieq ftit taz-zmien qabel ma ghalqet il-leasing meta kien gew bil-vettura sabiex jaghtuha service. Huwa kien irrakkomanda sabiex dawn il-hsarat jigu rimedjati qabel ma jikkonsenjawha lura fit-terminazzjoni tal-kuntratt pero` din il-vettura spiccat ritornata bl-istess hsarat. Din il-lista tinsab ezebita minnu bhala Dok. SG 1.

Ix-xhud Peter Martin rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jikkonferma li huwa kien prezenti meta saret l-ispezzjoni fuq il-vettura u meta ttiehdet il-lista tan-nuqqasijiet. Peress illi kien hemm xi hsarat li ma qabilx dwarhom dan ix-xhud, ha sensiela ta` ritratti tal-vettura in kwistjoni minn kull angolu biex jindika li l-vettura kienet giet ritornata fi stat tajjeb. Minn dawn ir-ritratti, it-Tribunal jista` jikkonstata li xi hsarat mnizzla fuq il-lista a fol. 26 u 30 tal-process jidhru evidenti pero` hemm ohrajn li ma tantx johorgu cari fuq l-istess ritratti.

Illi kif gia` nghad hawn fuq, il-kwistjoni f'din il-kawza hija prattikament interpretazzjoni fuq in-natura tal-hsarat indikati cioe` jekk humiex rizultat ta` xi negligenza da parti tal-konvenut jew humiex tip ta` hsarat provenjenti mill-wear & tear tal-vettura. Certi hsarat bhal brix wiehed jistennihom fuq vettura li tkun ilha barra fit-toroq Maltin ghal sitt snin shah pero` hsara ohra bhal per ezempju certi ghafsiet u l-bracket tal-mera miksura huma per forza kawzati minn impatti hfief li tkun garbet il-vettura tramite tip ta` sewqan mhux daqstant prudenti fiz-zmien meta l-vettura kienet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Illi dwar il-Hub cups neqsin, Peter Martin ghas-socjeta` konvenuta

jistqarr li hu stess kien mar jixtrihom sabiex jissostitwixxi n-neqsin. Fuq dawn l-oggetti, t-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ma ghandux jemmen lil dan ix-xhud.

Tibqa` kwindi l-kwistjoni ta` likwidazzjoni fuq il-hsarat li x'aktarx gew ikkawzati mill-uzu mhux prudenti tal-vettura meta kienet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Il-bicca l-kbira ta` tali hsarat jidhru li jistghu jkunu rimedjabbli tramite xoghol ta` panel beating u spray painting u hlief ghal bracket tal-mera miksura ma jidhirx li ghandu jkun hemm kwistjoni ta` bdil ta` parts. Illi f'dan is-sens, it-Tribunal qieghed jillikwida *arbitrio buon viri* x-xoghol ta` panel beating u spray painting fis-somma ta` hames mitt lira oltre il-valur tal-mera ammontanti ghal Lm 38.68 b'kollox Lm 538.68.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta u jilqa` t-tielet eccezzjoni fis-sens illi qed jilqa` t-talba attrici limitatament ghall-ammont kif likwidat minn dan it-Tribunal aktar il-fuq fis-somma ta` Lm 538.68 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm 538.68, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jinqasmu kwantu ghal tliet kwarti a karigu tas-socjeta` konvenuta u kwantu ghal kwart ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------